# FRIEGĦI

Ta' Val. V. Barbara

Friegħi tas-siġar li fis-sajf tinsatru
bil-libsa ħadra tal-werqat kotrana,
u bħal dirgħajn wesgħin ta' rġiel godlija
tintrefgħu lejn is-sema safi tagħna,

inħobb inħares lejkom x'ħin fil-għodu
titħarrek b'ħajja ġdida l-art lubiena,
u tilqa' l-bews tax-xemx li tfiġġ mill-ilma
imdawra b'kotra ta' xbejbiet dagħmiena.

Narakom b'għaxqa 'l hawn u 'l hinn titliegħbu
maż-żiffa ħelwa li madwarkom tfewweġ,
u tfarfru n-nida qisha qtar tal-fidda
fuq żbul tad-deh'b, għoli, sabiħ, immewweġ.

Intom tifirħu, u l-werqat niedja tagħkom
bħal qlub jitbewsu dlonk f'tgħanniqa mriegħda,
u jgħannu b'elf ilsien lill-ħajja ġdida
ta' bejta sħuna, tpespes bla ma teħda.

Oh, l-għanja tagħkom hija l-għelm ta' ħajja
li ma tafx jasar ta' fehmiet għajjura;
imwielda fil-ħelsien, tgħixu fil-wisa'
biex tkattru l-poeżija tan-natura.

Kemm drabi, friegħi, xtaqt li mal-għasafar
intir taħt dellkom, ħieles minn kull dnewwa,
u b'leħen diewi ta' poeta ċkejken
f'dak l-hena, kwiet u sliem ngħanni bil-ħlewwa?!

Mhux jien, mhux jien jekk ħasbu li jeqirdu
minn qalbi l-għana hieni taż-żgħożija
nieqaf mirbuħ; ħaddieħor jegħreq f'fehmtu:
għalija l-ħajja b'dawl ix-xemx mogħnija.

Għalija l-ħajja: nwar u palm ħadrani
jien insiġt b'għelma ta' ħelsien żgħożiti,
nwar li għad jiftaħ f'dell il-palm tar-rebħa
għas-sħana ta' xemx Mejju fi rġuliti.

Għaliex bħal tagħkom, friegħi, l-għan ta' ħajti
qiegħed isul fil-beraħ dawn il-jiem,
w għalkemm inħoss li l-għoli mbiegħed minni
qalbi qed titrod b'xewqa wara s-sliem.

U lejl u nhar immexxi dehni tfuli
fit-triq ta' ħajja fuq blat samm mibnija,
waqt illi rrawmu ma jibżax mir-rwiefen
'mma jrabbi rieda daqs l-azzar qawwija,

biex bħalkom, friegħi, 'il fuq 'il fuq jittajjar,
ħieles mill-karfa ta' bnedmin u bhejjem,
merfugħ bejn sema u art itenni l-għanja
taż-żiffa u tal-ħajbur, żagħżugħ ta' dejjem...

Itilgħu 'l fuq, friegħi ħelwin, jien magħkom
ngħanni s-sbuħija tal-werqat kotrana.
infirxu w ikbru, u bħal dirgħajn godlija
intrefgħu lejn is-sema safi tagħna.